# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 812

KAZ NRU. 846

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

General Workers' Union
(f'isem Raymond Balzan)

u

Korporazzjoni Enemalta

dwar tkeccija ta' l-istess
Raymond Balzan

Illum : 21 ta' Marzu, 1997

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

**Membri : Is-Sur Maurice Petrocochino**
**Is-Sur George Agius**

**INTRODUZZJONI**

Illi dan il-kaz huwa konsegwenza tal-kaz 563, fejn, b'decizjoni datata 22 t'April, 1994, it-Tribunal allora diversament presedjut fis-sens li ma kienx kolleggjali, kien iddecieda li n-natura tal-kaz kienet konsistenti f'tilwima u mhux semplicament kwistjoni tax-xoghol. Di fatti, l-istess atti gew allegati b'ordni ta' dan it-Tribunal datata 12 ta' Dicembru, 1996.

**PRELIMINARI**

Illi l-investigazzjoni odjerna ghandha tkun limitata jekk, ai termini tal-Ftehim Kollettiv ezistenti bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-General Workers' Union giet osservata l-procedura li hemm stabbilita fil-kaz ta' Raymond Balzan li wasslet ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mal-istess Korporazzjoni.

Illi jigi rilevat illi l-istess procedura hija stabbilita fil-paragafi 3.1 sa 3.8.5. Dan it-Tribunal ma jistax ma josservax il-passi segwenzjali mill-bidu sat-tmiem tal-procedura ta' dixxiplina spjanati b'termini l-aktar cari, semplici pero' drastici. Huma ta' natura tassattiva li jirregolaw il-procedura kollha u li ghandhom jigu aderiti minn kull parti nteressata b'mod l-aktar fidil 'ad nausaem'. Ma jaghtu l-ebda lok ghal interpretazzjoni aktar min dik 'ictu oculi' u/jew li jistghu jikkostitwixxu xi ostakolu lil xi parti biex issegwihom b'manjiera komplikata.

**FATTI/PROVI**

Illi x-xhud Vincent Degaetano, ta l-verzjoni tal-fatti fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 1996. Huwa pacifiku li Balzan kien prezenti ghal laqgha

tal-Bord ta' Dixxiplina datata 25 ta' Gunju, 1996 li huwa kkontesta u x'issuccieda wara.

Il-findings ma gewx lilu kommunikati, izda l-kaz baqa' sejjer bil-procedura normali sakemm wasal quddiem il-Bord tad-Diretturi :- Vide para. 3.7.3. Sar qbil ukoll illi Balzan ma kienx informat b'dawn il-proceduri.

Illi dan huwa l-punt tal-kontestazzjoni kollu. Il-Korporazzjoni kienet tenuta li tinformah sabiex ikun possibli ghalhekk li jidher quddiem il-Bord tad-Diretturi.

Illi huwa kellu a konjizzjoni tieghu t-terminazzjoni mill-impjieg b'ittra registrata datata 20 ta' Lulju, 1997. X'gara wara? Fit-18 t'Awissu 1992 intbaghtet ittra mis-Segretarju tat-Taqsima idonea lic-Chairman tal-Korporazzjoni sabiex tigi rriveduta d-decizjoni finali taghha, liema ittra hija lluminanti ferm fuq l-operat passat ta' l-istess Balzan. Dok. VFD I esebit fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 1996 jaghti s-sekwenza tat-talbiet u l-laqghat li saru fuq talba tal-General Workers' Union. L-estratt mill-minuti tal-laqghat tal-Bord tad-Diretturi esebiti ma' li Statement of Case tal-Korporazzjoni jaghtu enfasi ghall-istess, liema dokumenti ma gewx kontestati.

Illi dan kollu jikkostitwixxi sforz li sar mill-partijiet biex forsi l-impjieg ta' Balzan ma jigix terminat.

Illi Balzan, meta ma hax dak li ried, ressaq il-kaz tieghu ghall-konsiderazzjoni ta' dan it-Tribunal. Apparti l-meritu tal-kaz u/jew tal-incidenti diversi u regolari li wasslu ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu - ir-record tal-kondotta u xejn ezemplari fuq il-post tax-xoghol li ma ghandux iservi ta' ezempju u/jew li jigi kkupjat minn ebda haddiem li suppost jibza' ghall-hobza ta' kulljum tieghu u li jghati lill-principal tieghu dak li hu tenut jaghtih, ir-rimessa odjerna tikkostitwixxi "abbuz" tad-drittijiet moghtija u sanciti mill-ligijiet industrijali.

Illi dan qed jinghad illi jekk huwa veru li l-Korporazzjoni ma segwitx il-passi kollha fedelment stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv huwa veru ictu oculi ukoll illi l-istess Balzan ma kienx aderenti ma' l-istess. Mhux talli Balzan ma ezawrix ir-rimedju ordinarju disponibbli ghalieh anzi pprova jiehu vantagg mill-ezercizzju adoperat mill-ghaqda Sindakali tieghu li ppruvat tiehu revizjoni tad-decizjoni ahharija tal-Korporazzjoni u ssalvalu l-impjieg tieghu.

Illi para 3.8 jikkostitwixxi procedura ta’ l-appell li ghandha tigi segwita. Balzan kellu ghaxart ijiem ta’ dekadenza sabiex jippromovi l-appell tieghu. L-ittra ta’ l-20 ta’ Lulju, 1992 iccertifikat it-terminazzjoni ta’ l-impjieg mill-Bord tad-Diretturi ghalhekk, Balzan huwa erroneu fli Statement of Case tieghu ghaliex ghalkemm il-para 3.8.1 jghid “findings”, “findings” aktar gravi minn dawk kontenuti f’din il-famuza ittra ma jistax ikollok.

Dan il-punt qatt ma gie ssollevat minnu fit-trattattivi li segwew sussegwentement. X’ghamel - meta fis-7 ta’ Ottubru, 1992, il-Bord tad-Diretturi kkonferma id-decizjoni originali Balzan kiteb ittra fl-10 ta’ Novembru 1992 lil Onorevoli Ministru ta’ l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani sabiex iressaq il-kaz tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali. Kondotta simili ghandha tigi kundannata, mhux kondonata.

L-onesta’ u l-lealta f’relazzjoni industrijali ghandhom jigu kkultivati u enuncjati mhux sorvolati.

**KONKLUZJONI**

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-Kwistjoni tax-Xoghol billi jiddikjara illi kienu z-zewg partijiet stess li ma segwewx il-procedura stabbilita’ fil-Ftehim Kollettiv u

b’hekk it-tkeccija ta’ Raymond Balzan ghandha tibqa’ in vigore.

B’hekk din il-kwistjoni tax-xoghol qed tigi definittivament terminata.

ft/Maurice Petrocochino
MEMBRU

ft/ George Agius
MEMBRU

ft/Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.
CHAIRMAN

---------------
George Attard
SEGRETARJU